Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits

2025/0550(COD)

22.7.2026

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818
(COM(2025)0550 – C10-0173/2025 – 2025/0550(COD))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Sandra Gómez López

PA_LegEvaluation

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818
(COM(2025)0550 – C10-0173/2025 – 2025/0550(COD))

Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

Il-Kumitat għall-Baġits,

A. billi AgoraEU huwa s-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva (CREA) eżistenti u tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV);

B. jisħaq li l-baġit tal-UE għandu rwol vitali fl-appoġġ tal-valuri fundamentali tal-UE tad-demokrazija u l-pluraliżmu, minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-programmi predeċessuri wrew li huma kruċjali biex jappoġġjaw is-setturi kulturali u kreattivi, jissalvagwardjaw il-libertà artistika u tal-media, jiġġieldu d-diżinformazzjoni, u jipproteġu u jippromwovu l-ugwaljanza, il-parteċipazzjoni demokratika, l-inklużjoni soċjali, ir-reżiljenza tas-soċjetà u ċ-ċittadinanza attiva, id-drittijiet u l-valuri, inkluż biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif minqux fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem applikabbli;

C. billi fil-kuntest ta' pressjoni u theddid dejjem akbar fuq il-valuri demokratiċi Ewropej kif ukoll fil-kuntest ta' sfidi strutturali usa' li qed tiffaċċja l-Unjoni, il-Programm AgoraEU għandu rwol ewlieni biex jappoġġja l-kultura, l-media indipendenti u s-soċjetà ċivili, u biex jikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-soċjetà tal-Unjoni, għall-involviment ċiviku u għat-tisħiħ tad-demokrazija;

1. Jirrimarka li l-Programm AgoraEU li għadu kif ġie propost jgħaqqad żewġ programmi eżistenti distinti – CREA u CERV – u jintegra l-finanzjament relatat mal-azzjonijiet ta' MEDIA appoġġjati fl-ambitu tal-prerogattivi tal-Kummissjoni; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni ta' żieda sinifikanti fil-baġit meta mqabbla mal-baġit akkumulat tal-2021-2027 ta' CERV u CREA; jissottolinja li dawn il-programmi huma strutturalment sottoskritti żżejjed, bid-domanda li tkun konsiderevolment ogħla mill-possibbiltajiet tal-programmi bbażati fuq il-baġits individwali tagħhom; jenfasizza r-rwol ċentrali tal-Programm AgoraEU biex irawwem ir-reżiljenza demokratika tal-Unjoni; jissottolinja, għalhekk, li hija meħtieġa żieda ulterjuri fil-baġit propost;

2. Iqis li l-pakkett tal-programm għandu jiżdied minn EUR 8 582 000 000 fi prezzijiet attwali għal EUR 10 720 330 000 fi prezzijiet attwali u EUR 9 500 000 000 fi prezzijiet tal-2025 sabiex ikun mgħammar biżżejjed biex jissodisfa l-objettivi tiegħu, filwaqt li jiżgura li l-fużjoni ma ddgħajjifx l-appoġġ għas-setturi kulturali u kreattivi, il-media indipendenti, is-soċjetà ċivili, il-parteċipazzjoni demokratika u l-ugwaljanza, u jkompli

jappoġġja l-azzjonijiet Daphne u jippromwovi d-drittijiet fundamentali;

3. Jilqa' l-istrateġija tal-UE għas-soċjetà ċivili ppubblikata reċentement, li tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' pariri, appoġġ u għarfien espert fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament fit-tul, prevedibbli u suffiċjenti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż, fejn meħtieġ, permezz ta' għotjiet operattivi, bi trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà wiesgħa tal-Programm AgoraEU fil-fergħat kollha tiegħu; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju[1] li jippermetti l-possibbiltà li jingħata appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi ("finanzjament kaskata");

5. Iqis li biżżejjed riżorsi, inklużi riżorsi umani, tekniċi u tal-IT, iridu jkunu disponibbli mill-bidu nett u tul il-perjodu kollu ta' programmazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028-2034 biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-programm AgoraEU, inkluż għall-aġenzija eżekuttiva li tista' tiġġestixxi direttament partijiet mill-programm; jenfasizza li l-eżekuzzjoni effettiva tal-programm u l-implimentazzjoni soda tal-politiki u l-programmi tal-UE, inklużi l-monitoraġġ u l-infurzar xierqa, jiddependu minn amministrazzjoni tal-Unjoni ffinanzjata b'mod adegwat u b'persunal adegwat; ifakkar fil-pożizzjoni li l-Parlament Ewropew ilu jħaddan li l-ispejjeż amministrattivi ma jridux isiru għad-detriment tal-pakkett tal-programm;

6. Jinsisti li leġiżlazzjoni dettaljata u tajba biżżejjed, b'livell xieraq ta' governanza, hija kundizzjoni għal teħid xieraq ta' deċiżjonijiet baġitarji u sorveljanza parlamentari adegwata matul l-implimentazzjoni tal-baġit; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet biex jissaħħaħ il-kontroll fuq kif jiġi mobilizzat u kif jintefaq il-baġit, u jissottolinja l-importanza ta' evalwazzjonijiet regolari; iqis li l-ħekk imsejjaħ mekkaniżmu ta' tmexxija bl-ebda mod ma jista' jkun sostitut għas-setgħat leġiżlattivi u baġitarji tal-Parlament, u ma jistax jinħoloq mingħajr arkitettura ta' governanza soda li tiżgura l-eżerċizzju effettiv ta' tali setgħat;

7. Jissottolinja li aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-programm ma tridx tirriżulta f'ċentralizzazzjoni *de facto* tal-implimentazzjoni tal-baġit fil-livell tal-Kummissjoni u lanqas ma trid iddgħajjef il-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jisħaq li s-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà ma jridux isiru għad-detriment tat-trasparenza u tas-sorveljanza mill-awtorità baġitarja; jirrakkomanda, għalhekk, li l-pakkett globali jiġi diżaggregat biex jirrifletti l-fergħat speċifiċi tal-Programm AgoraEU; jissottolinja li għandha tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-allokazzjoni tar-riżorsi għal attivitajiet trażversali; jirrakkomanda li, jekk il-kumitati ewlenin jiddeċiedu li jistabbilixxu aktar fergħat meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, dawn għandu jkollhom ukoll pakketti sekondarji indikattivi definiti;

8. Jenfasizza li l-elementi li jiffurmaw il-Programm AgoraEU għandhom objettivi differenti, huma kkonfrontati b'realtajiet differenti u huma strutturati b'mod differenti, u

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

li s-setturi li huma mmirati lejhom għandhom missjonijiet u mudelli ta' negozju differenti, u dawn għandhom jitqiesu kif xieraq fit-tfassil tar-Regolament propost; jiddeplora n-nuqqas ta' nomenklatura baġitarja indikattiva dettaljata biżżejjed proposta fid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva (LFDS) u jqis li dan se jfixkel is-sorveljanza u l-kapaċità tal-awtorità baġitarja li tmexxi b'mod preċiż il-prijoritajiet ta' politika fil-proċedura baġitarja annwali; jinnota, barra minn hekk, li dan jagħti lill-Kummissjoni aktar libertà biex tbiddel u tiddeċiedi dwar il-prijoritajiet tal-infiq matul l-implimentazzjoni; jesprimi tħassib li l-arkitettura baġitarja aggregata żżejjed iżżid b'mod drammatiku d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fit-trasferiment u r-riallokazzjoni tar-riżorsi mingħajr deċiżjoni tal-awtorità baġitarja, u tillimita serjament is-sorveljanza parlamentari; jirrakkomanda, għalhekk, nomenklatura aktar dettaljata li tirrifletti kif xieraq l-objettivi u l-istruttura tal-programm, u ssaħħaħ it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-kontroll parlamentari;

9. Ifakkar li n-nomenklatura baġitarja trid tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Finanzjarju, li jipprevedi li kull titolu jrid jikkorrispondi għal qasam ta' politika u li kull kapitolu, bħala regola, irid jikkorrispondi għal programm jew attività, f'konformità mal-prinċipji tal-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba u t-trasparenza; jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jemendaw il-proposta biex jinkludu anness li jiddefinixxi n-nomenklatura tal-programm; jinsisti li n-nomenklatura tal-baġit tifforma parti integrali mill-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament u trid tiġi diskussa fin-negozjati interistituzzjonali; iqis, f'dan ir-rigward, li d-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva riveduta trid tifforma parti mill-ftehim politiku finali;

10. Ifakkar li l-proposta tinkludi l-possibbiltà li tintuża garanzija baġitarja; jisħaq li l-implikazzjonijiet baġitarji tal-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self fl-ambitu ta' AgoraEU jridu jiġu identifikati b'mod ċar, ippreżentati b'mod trasparenti u mmonitorjati bir-reqqa matul il-perjodu tal-QFP; jissottolinja b'mod partikolari li l-impatt potenzjali tagħhom fuq garanziji oħra jrid jiġi vvalutat bis-sħiħ u jitqies kif xieraq, kif ukoll irid jiġi vvalutat bis-sħiħ u jitqies kif xieraq l-impatt fuq id-disponibbiltà tal-għotjiet fl-ambitu tal-programm; jinsisti li d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' tali operazzjonijiet iridu jirrispettaw bis-sħiħ is-setgħat tal-koleġiżlaturi u l-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jissottolinja li tali strumenti għandhom jintużaw b'mod strateġiku biex jimmassimizzaw l-impatt, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-UE, filwaqt li jiżguraw trasparenza sħiħa u ġestjoni tajba tar-riskju;

11. Jinsisti li l-użu ta' strumenti finanzjarji flimkien mal-finanzjament ta' AgoraEU se jiġi stabbilit b'mod xieraq u li, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit kif ukoll għal strumenti finanzjarji oħrajn se jiġi speċifikat fil-proċedura baġitarja annwali; iħeġġeġ biex l-ammonti mobilizzati permezz ta' operazzjonijiet b'finanzjament imħallat ikunu fiskalment responsabbli b'rati ta' imgħax raġonevoli;

12. Ifakkar li l-proposta tipprovdi possibbiltà li jiġu riallokati riżorsi lejn programmi ta' ġestjoni kondiviża u minnhom, iżda jissottolinja li tali sinerġiji għandhom irawmu l-implimentazzjoni tal-politika; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li kwalunkwe riallokazzjoni għandha tkun iġġustifikata kif xieraq f'kull każ u titwettaq f'koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri; jissottolinja l-ħtieġa li

tiġi żgurata traċċabbiltà sħiħa tal-ammonti riallokati;

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu definiti t-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà u l-limitu massimu fuq in-nefqa teknika u amministrattiva kif ukoll li tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar id-drittijiet tal-awditjar għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri, inkluż fir-rigward tal-benefiċjarji f'"pajjiżi terzi", jiġifieri dawk barra mill-qafas legali tal-UE;

14. Iqis li r-rimborżi minn strumenti finanzjarji għandhom jibqgħu disponibbli fi ħdan il-Programm AgoraEU;

15. Jieħu nota tal-komplementarjetà ssuġġerita bejn AgoraEU u programmi, fondi u inizjattivi oħra tal-Unjoni bħat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, il-Programm Ġustizzja, Erasmus+, Ewropa Globali, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa u l-fondi ta' ġestjoni kondiviża fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jisħaq li komplementarjetà msaħħa bejn l-istrumenti ma tridx tinkiseb għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jissottolinja li l-kontribuzzjoni ta' AgoraEU għall-operazzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma' strumenti oħrajn trid ikun identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju; jisħaq, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe kontribuzzjoni ta' dan it-tip trid tiġi riflessa kif xieraq fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm għall-Programm AgoraEU; jinsisti li l-awtorità baġitarja għandha żżomm il-kontroll sħiħ fuq il-mod kif ir-riżorsi jiġu kkombinati bejn l-istrumenti u fuq il-kontribut effettiv ta' kull programm għall-prijoritajiet tal-UE, partikolarment permezz ta' nomenklatura tal-baġit dettaljata; jisħaq li komplementarjetà msaħħa bejn il-programmi ma tridx twassal għal kumplessità sproporzjonata għall-benefiċjarji; jitlob li l-finanzjament tal-UE jkun aktar ċar, aktar aċċessibbli u aktar koerenti sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni u jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti;

16. Jisħaq li l-użu tad-dħul assenjat estern fl-ambitu ta' AgoraEU jrid ikun ċirkoskritt b'mod ċar, totalment trasparenti u soġġett għal skrutinju parlamentari effettiv; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn kwalunkwe pajjiż terz parteċipant u donaturi oħrajn għall-programm; ifakkar fl-importanza li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tad-dħul assenjat estern; jissottolinja li, jekk il-kumitati ewlenin iqisu li jemendaw id-dispożizzjonijiet relatati mad-dħul assenjat estern, dan għandu jsir f'koordinazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits u mal-kumitati l-oħrajn sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti; jirrikonoxxi li l-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi, inkluż mis-settur privat, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-programm; jenfasizza li tali kontribuzzjonijiet iridu jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza u l-imparzjalità;

17. Jenfasizza li l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi, li għandha tkun speċifikata b'mod ċar u debitament ġustifikata b'mod trasparenti f'kull programm ta' ħidma annwali, irrispettivament minn jekk dawk il-pajjiżi humiex assoċjati jew le, għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità finanzjarja u l-allinjament regolatorju; jisħaq li, f'dan ir-rigward, il-pajjiżi terzi għandhom jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja adegwata għall-programm; jissottolinja li tali parteċipazzjoni għandha tkun kundizzjonali fuq livell suffiċjenti ta' allinjament regolatorju, b'mod

partikolari mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE[2] dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva, notevolment fil-kuntest tal-kooperazzjoni awdjoviżiva; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati salvagwardji ċari fil-każ ta' nuqqas minn pajjiż terz li jikkonforma mal-impenji meħuda fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jew fejn nuqqasijiet serji u persistenti jirriskjaw li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

18. Jemmen li l-għażliet ta' politika sostantivi kollha, bħall-objettivi tal-programm, il-prijoritajiet ta' nfiq, l-allokazzjonijiet finanzjarji, ir-rati ta' finanzjament, l-eliġibbiltà, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti, il-kundizzjonijiet, id-definizzjonijiet u l-metodi ta' kalkolu jridu jiġu ddeterminati fl-att leġiżlattiv ta' bażi rilevanti, b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur u bħala waħda mill-fergħat tal-awtorità baġitarja tal-UE, u li kwalunkwe element mhux essenzjali u supplementari li jinvolvi għażliet politiċi li mhumiex inklużi fl-att bażiku jrid jiġi adottat esklużivament permezz ta' atti delegati, inklużi l-programmi ta' ħidma;

19. Ifakkar fil-proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas għall-ittrekkjar tan-nefqa baġitarja u għall-prestazzjoni tal-baġit u regoli orizzontali oħrajn għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni[3] (ir-"Regolament dwar il-Prestazzjoni"), li jistabbilixxi lista simplifikata unika għall-indikaturi tal-prestazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, li whud minnhom huma rilevanti għal AgoraEU; jissottolinja li kwalunkwe bidla fl-arkitettura, fl-objettivi u fl-azzjonijiet eliġibbli fl-ambitu tal-programm jeħtieġ li tiġi riflessa b'mod xieraq fid-dispożizzjonijiet rilevanti skont l-Anness I tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni, bħala parti mill-proċess ta' emendar u negozjar ta' dak ir-regolament; jirrimarka li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni settorjali tista' tissupplimenta r-regolament dwar il-prestazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-evalwazzjonijiet tal-programmi, għandha tibqa' konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament; jesprimi tħassib li l-attivitajiet eteroġeni ffinanzjati fl-ambitu ta' AgoraEU se jaffettwaw l-affidabbiltà tal-indikaturi tal-prestazzjoni, u jappella għal identifikazzjoni aktar ċara tar-riżultati speċifiċi għal kull fergħa, enfasi akbar fuq ir-riżultati aktar milli fuq l-outputs, u rekwiżiti armonizzati tal-kwalità tad-data;

20. Jisħaq li l-finanzjament kollu jrid ikun konformi mal-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament għal attivitajiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u t-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni;

21. Iqis li s-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni huma essenzjali fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jissottolinja li l-użu ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew għażliet oħra ta' kostijiet simplifikati ma għandux jaffettwa d-drittijiet tal-awditjar jew tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew rispettivament; jenfasizza l-importanza ta' kontrolli kemm *ex ante* kif ukoll *ex post* biex jiġi evitat il-finanzjament doppju u biex jiġu żgurati proċeduri ta' għoti sodi, traċċabbiltà fil-

[2] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj).
[3] COM(2025)0545.

programmi kollha u trasparenza fl-implimentazzjoni;

22. Ifakkar li skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit iridu jikkonformaw ma' reġim ġenerali ta' kundizzjonalità f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt; jissottolinja, barra minn hekk, li l-Artikolu 6(3) tal-istess regolament jirrikjedi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni tal-baġit, jiżguraw konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

23. Jinsisti li f'każ ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092[4], il-Kummissjoni għandha tesplora modi kif tiżgura li l-benefiċjarji u r-riċevituri finali potenzjali jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni; jisħaq li dan il-prinċipju jinsab fil-qalba ta' approċċ ta' kundizzjonalità intelliġenti;

24. Ifakkar li, skont ir-Regolament Finanzjarju, il-programmi u l-attivitajiet għandhom, fejn fattibbli u xieraq, f'konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-settur, jiġu implimentati biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti tagħhom, filwaqt li jirrispettaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg skont id-dritt nazzjonali applikabbli, id-dritt tal-Unjoni, il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-ftehimiet kollettivi kif ukoll iqisu l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-prinċipju la tagħmilx ħsara sinifikanti; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-impenji fid-dikjarazzjoni interistituzzjonali konġunta "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa", jiġifieri li kulħadd għandu d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, ġusti, tajbin għas-saħħa u sikuri, inklużi l-artisti u l-professjonisti kulturali li huma fil-qalba tas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi tagħna; ifakkar, barra minn hekk, li remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati huma fundamentali għal-libertà artistika u d-diversità kulturali.

[4] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

EMENDI

Fil-qafas tal-valutazzjoni baġitarja tiegħu, il-Kumitat għall-Baġits jippreżenta wkoll l-emendi li ġejjin għall-proposta:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Jenħtieġ li l-komplementarjetà bejn AgoraEU u strumenti oħrajn tal-Unjoni ma tinkisibx għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja. Il-kontribuzzjoni ta' AgoraEU għall-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt jenħtieġ li tibqa' identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju u jenħtieġ li tiġi riflessa debitament fid-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-Programm. Jistabbilixxi reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-	(33) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.	Kunsill japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji. ***F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 (ir-"Regolament Finanzjarju"), l-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***
[27] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).	[27] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jridu jwasslu għat-teħid xieraq ta' deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-arkitettura interna ta' AgoraEU jenħtieġ li tiġi riflessa debitament fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 40b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40b) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati* skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament tiegħu fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-Ftehim Interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

***

+ Pro memoria: valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Lulju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 (COM(2025)0550).

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett ***finanzjarju indikattiv*** għall-implimentazzjoni ***tal-Programm*** għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***8 582 000 000*** fi prezzijiet ***kurrenti***.	1. Il-pakkett ***tal-programm*** għall-implimentazzjoni ***ta' dan ir-Regolament*** għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR ***10 720 330 000*** fi prezzijiet ***attwali*** (***EUR 9 500 000 000 fi prezzijiet tal-2025***).

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Unjoni jkunu pprovduti abbażi tal-kost eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. ***Il-Kummissjoni għandha tindirizza s-sinerġiji bejn il-Programm u programmi oħra tal-Unjoni fid-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm stabbilita fl-Artikolu 41(3)(h) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fid-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni u rapportar.***

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Mill-[1 ta' Jannar 2028 / mid-data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' subparagrafi tal-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, meta l-Programm jipprovdi l-finanzjament lill-istrumenti finanzjarji permezz tal-Istrument tal-InvestEU tal-FEK kif previst fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. B'deroga mill-Artikolu 21(3) il-punt (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u f'konformità mal-Artikolu 21(5) ta' dak ir-Regolament, dawk ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern lill-Programm.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala ***finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ,*** għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità ***mar-Regolament*** (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.	6. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità ***mal-Artikolu 125 tar-Regolament*** (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fil-valutazzjoni baġitarja tagħha ma inkludiet ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

Titolu	L-istabbiliment tal-programm “AgoraEU” għall-perjodu 2028-2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818
Referenzi	COM(2025)0550 – C10-0173/2025 – 2025/0550(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT LIBE 23.10.2025 23.10.2025
Valutazzjoni baġitarja minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025
Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja Data tal-ħatra	Sandra Gómez López 25.2.2026
Eżami fil-kumitat	7.5.2026
Data tal-adozzjoni	15.7.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 –: 7 0: 1

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

23	+
ECR	Ruggero Razza
PPE	Georgios Aftias, Michalis Hadjipantela, Monika Hohlmeier, Kinga Kollár, Janusz Lewandowski, Danuše Nerudová, Jacek Protas, Jüri Ratas, Karlo Ressler, Hélder Sousa Silva
Renew	Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Yar
S&D	Matthias Ecke, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Giuseppe Lupo, Matjaž Nemec, Carla Tavares, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Ignazio Roberto Marino, Rasmus Nordqvist

7	-
ESN	Alexander Jungbluth
NI	Thomas Geisel
PfE	Jaroslav Bžoch, Angéline Furet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Julien Sanchez, Auke Zijlstra

1	0
Renew	Joachim Streit

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni